# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 2 ta' Lulju 2001**

**Avviz. numru 856/95**

**Numru 35**

**Maria La Foresta**

**vs**

**Jimmy Aquilina u b'digriet ta' 30 ta' April 1996 gie kjamat in kawza Mario Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attrici s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) rappresentanti danni kagunati mill-konvenut fuq il-vettura tal-marka "Peugeot" numru BS 884265 liema danni gew kagunati minhabba traskuragni u nuqqas ta' sengha da parti tal-konvenut meta hu kien inkarigat li jaghmel xi tiswijiet fuq l-imsemmija vettura.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu 1995 u bl-imghax legali mid-data ta' l-istess ittra ufficjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 tal-atti) li biha eccepixxa:

1. Illi l-imsemmi Jimmy Aquilina asolutament m'ghandux x'jaqsam mal-hsarat sofferti mill-attrici.

2. Illi l-persuna li kkagunat l-hsara hija s-sid tal-Highway Garage liema persuna l-istess attur kien inkarigah jaghmel tiswijiet ulterjuri.

3. Illi l-pretenzjoni ta' hlas dovuti lill-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-digriet moghti fit-30 ta' April 1996 u li bih gie kjamat in kawza l-imsemmi Mario Micallef (fol 11 u 12, 13, u 14 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess Mario Micallef li biha eccepixxa (fol 23 ibid):

1. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, huwa ma jahti xejn ghad-danni sofferti mill-attrici peress li l-bonnett tal-vettura li fuqha kien gie inkarigat jezegwixxi t-tiswijiet kien difettuz u ma giex infurmat dwar dan mir-ragel tas-sid, li kkuntratta mieghu dwar ir-riparazzjoni mehtiega.

2. Illi huwa wettaq it-tiswijiet li kien gie inkarigat iwettaq, u cioe' tiswijiet fuq il-magna tal-vettura li ma kienetx qieghda tiffunzjonia tajjeb, skond l-arti u s-sengha, tant li gie mhallas regolarment u minnufih mill-attrici.

3. Illi inoltre l-ammont ta' danni pretizi mill-attrici huma esagerati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi skond kif xehed Amelcare Savarese, ir-ragel tal-attrici (fol 19 et seq ibid) hu kien inkariga lil Jimmy Aquilina sabiex jara ghaliex il-karozza imsemmija fl-avviz u appartenenti lil martu, l-attrici, ma kienetx qed tiffunzjona. Presenti x-xhud Jimmy Aquilina kien ipprova jiftah u jaghlaq il-"bonnet" tal-istess karozza ghal diversi drabi sabiex jkun jista' jesamina il-magna taghha. Hawnhekk, l-istess konvenut kien

iddecieda li jiehu l-istess karozza fil-'garage" tieghu, Meta ghaddew xi tlett ijiem il-konvenut kien informah li kien ha "ad insaputa" tax-xhud l-istess vettura ghand terza persuna ossija l-kjamat in kawza stante li dan kien specjalist f'pompi tad-"diesel". Meta sema' hekk ix-xhud kien mar ghand il-kjamat in kawza wara li dan kien spicca ix-xoghol fuqha u sab il-karozza ta' martu kif murija fuq ir-ritratti esebiti in atti a fol 33 ossija bi hsara fil-bonnet. Fi kliem l-istess xhud, il-kjamat in kawza kien qallu "... li l-bonnet kien tela' u habat mas-saqaf tal-istess karozza". Ix-xhud spicca biex jghid li hu hallas lill-konvenut tax-xoghol li dan ghamel waqt li sostna li ".... qabel ma jiena kkonsenjat il-karozza lis-Sur Aquilina, l-bonnett kien kollu f'postu". (Dwar d-danni pretisi mill-attrici ara fol 28 et seq ibid).

Illi l-<u>konvenut</u> (fol 40 et seq tal-istess atti) jsostni li meta kien ha l-karozza tal-attrici fil-garage tieghu, hu kien sab li l-"bonett" taghha ma kienx jinfetah "bhal dak ta' karozzi ohrajn" stante li kien minghajr "safety catch" u kont kostrett li tigbdu lejk u tghollih". Wara li fetah dan il-"bonnett" u ra li s-sistema tal-filter tad-diesel kellha xi difett. Minhabba dan u peress li kien hemm bzonn ta' persuna specjalizzata hu irrakomanda li l-karozza tittiehed ghand il-kjamat in kawza u dan wara li informa lill-istess Amelcare Savarese u bil-kunsens ta' dan. Ghalhekk hu hadha ghand il-kjamat in kawza li da parti tieghu informah li kien hemm involuti Lm30. Meta Savarese sema' b'din il-

figura jidher li raha esagerata u beda jghajjat. Ghalhekk il-konvenut u Savarese ftehmu li dan jmur personalment ghand il-kjamat in kawza.

Illi l-istess kjamat in kawza spjega li Jimmy Micallef kien informah sabiex joqghod attent in rigward il-"bonnett" stante li kien difettuz minhabba nuqqas ta' "safety catch' u dwar il-mod partikolari sabiex tifthu. Eventwalment, hu kien irripara s-sistema u kien ser jipprova li l-magna kienet tiffunsjona tajjeb. Ghalhekk hu ghalaq il-bonnett u "ivverifikajt li kien maghluq". Pero meta kien ghadu kemm beda' jsuq, fi kliemu stess "il-bonnett tela'" ossija "inqala". Ghalhekk hu nizzel il-"bonnett" u rabtu b'bicca "wire". Meta informa b'dak li gara, lir-ragel tal-attrici, dan beda' jaghjjat izda hallsu tax-xoghol li kien sar minnu.

Ikkunsidrat

Illi jidher evidenti li l-konvenut kien estraneu ghal dak li gara billi meta giet kagunata hsara fil-"bonnett" il-karozza in kwistjoni kienet qed tinsaq mill-kjamat in kawza.

In rigward il-kjamat in kawza, qed jigi allegat li l-istess hsara giet kawzata minn traskuragni u nuqqas ta' sengha da parti tieghu. Hawnhekk, il-Qorti tara li d-danni fil-karozza tal-attrici, kagunati meta l-istess karozza kienet qed tinsaq minn dan, ma kienux kagunati minn

xi traskuragni u nuqqas ta' sengha da parti tieghu. Jidher li, probabilment, l-istess danni kienu konsegwenza ta' kaz fortuwitu, kawza ta' difett, kif hawn fuq deskritt, fil-"lock" tal-istess bonett liema difett kien di gja jesisti meta l-karozza in kwistjoni inghatat lill-konvenut sabiex tigi ripartata l-magna taghha.

Ghalhekk la darba ma irrizultax li d-danni in kwistjoni kienu kawza ta' att negligenti jew omissjoni da parti tal-konvenut u kjamat in kawza u li, prevedibilment, setghu jikkagunaw l-istess hsara, l-Qorti tara li t-talba attrici ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet attrici b'kull parti tbati l-ispejjes taghha.

Alan Calleja
Dep.Reg